C/2023/100

6.10.2023

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

li tippreżenta l-aġġornament tal-2023 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Pluriennali għall-istabbiliment tas-Sistema ta' Single Window Marittima Ewropea

(C/2023/100)

1. ***Sfond***

Ir-Regolament dwar is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe) ([1]) huwa mibni fuq in-network eżistenti ta' Single Windows Nazzjonali Marittimi (MNSWs) ([2]) u jistabbilixxi sistema komuni u interoperabbli biex il-vapuri jirrapportaw informazzjoni lejn ix-xatt matul waqfa f'port.

Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddefinixxi sett ta' *data* standardizzat li jkopri l-obbligi kollha ta' rapportar u li tiżviluppa u żżomm interfaċċi u servizzi komuni għall-MNSWs. Se jibda japplika mill-15 ta' Awwissu 2025.

L-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-EMSWe jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' implimentazzjoni pluriennali (MIP) u li tirrevedih kull sena wara konsultazzjonijiet xierqa mal-esperti nazzjonali.

L-għan tal-pjan huwa li jiffaċilita l-implimentazzjoni f'waqtha tar-Regolament u li jipprovdi mekkaniżmi tal-kontroll tal-kwalità u proċeduri għall-implimentazzjoni, iż-żamma u l-aġġornament tal-elementi armonizzati komuni tal-EMSWe. L-ewwel verżjoni ta' dan id-dokument ġiet żviluppata u adottata fl-2021 ([3]).

2. ***Arkitettura tal-IT tal-EMSWe***

L-EMSWe hija sistema deċentralizzata bbażata fuq network ta' single windows nazzjonali marittimi. Kull waħda minnhom tipprovdi modulu tal-interfaċċa tar-rapportar armonizzat (RIM) għall-komunikazzjoni minn sistema għal sistema u interfaċċa grafika tal-utent (GUI) għall-komunikazzjoni minn utent għal sistema.

Is-sistema hija kkomplementata minn servizzi komuni bħas-sistema ta' ġestjoni tar-reġistru tal-utenti u tal-aċċess (URAM) tal-EMSWe, bażijiet tad-*data* komuni u servizz komuni ta' indirizzar (CAS).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).
([2]) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2019/1239.
([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2021/C 299/03.

Arkitettura ta' livell għoli tal-EMSWe madwar single window nazzjonali marittima waħda



L-illustrazzjoni ta' hawn fuq turi l-arkitettura ta' livell għoli tal-EMSWe mill-perspettiva ta' Stat Membru, inklużi l-interazzjonijiet tal-MNSWs mad-dikjaranti, mal-forniturі tas-servizzi tad-*data* u mas-sistemi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Il-komponenti huma elenkati hawn taħt:

Elementi	Deskrizzjoni	Artikoli
1	Single Window Nazzjonali Marittima (MNSW)	Artikolu 2(3)
2	Interfaċċa grafika tal-utent (GUI)	Artikoli 2(9), 6(4)
3	Modulu tal-interfaċċa tar-rapportar armonizzat (RIM)	Artikolu 2(4), 6(1)
4	Sistema ta' ġestjoni tar-reġistru tal-utenti u tal-aċċess (URAM) tal-EMSWe	Artikolu 12(1), (2), (3)
5	Servizz komuni ta' indirizzar (CAS)	Artikolu 2(10)
6	Bażi tad-*data* dwar il-vapuri tal-EMSWe (ESD)	Artikolu 14
7	Bażi tad-*data* komuni ta' lokalizzazzjoni (CLD)	Artikolu 15
8	Bażi tad-*data* komuni dwar il-hazmat (CHD)	Artikolu 16
9	Bażi tad-*data* komuni tal-kundizzjonijiet sanitarji fuq il-vapuri (SSD)	Artikolu 17
10	SafeSeaNet (sistema ta' SSN nazzjonali u ta' SSN ċentrali)	Artikolu 8(4)

3. ***Adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja***

F'konformità mas-setgħat delegati mogħtija mir-Regolament dwar l-EMSWe, il-Kummissjoni adottat ir-**Regolament Delegat (UE) 2023/205** ([4]), li:

— jemenda l-Anness tar-EMSWe Regolament, li jelenka l-obbligi ta' rapportar skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, internazzjonali u nazzjonali;

— jissupplimenta r-EMSWe Regolament billi jistabbilixxi s-sett ta' *data* tal-EMSWe, li jinkludi aktar minn 1 100 element ta' *data* meħtieġa skont l-obbligi ta' rapportar.

Atti delegati oħra huma mistennija fl-2024 (qabel id-data ta' applikazzjoni tar-EMSWe Regolament) meta l-Anness u/jew is-sett tad-*data* jiġu emendati.

Ir-Regolament dwar l-EMSWe jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet għal elementi armonizzati tal-MNSWs u s-servizzi komuni skont l-EMSWe. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni adottat ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/204** ([5]) li fih l-ewwel sett ta' speċifikazzjonijiet u regoli għall-aspetti armonizzati tal-MNSWs u għal tliet bażijiet tad-*data* komuni skont l-EMSWe. Se jiġu adottati **atti ta' implimentazzjoni** ([6]) oħra fl-2023 u fl-2024, li jikkompletaw is-sett ta' speċifikazzjonijiet.

Biex tikkomplementa l-ispeċifikazzjonijiet għall-modulu tal-interfaċċa tar-rapportar, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), qed tħejji **gwida għall-implimentazzjoni tal-messaġġi (MIG)** li tiddeskrivi l-iskambji tal-messaġġi bejn id-dikjaranti u l-MNSWs permezz tal-modulu tal-interfaċċa tar-rapportar. Dan jinkludi wkoll il-messaġġi ta' rispons għar-rikonoxximenti u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet wara li jkunu ġew sottomessi l-formalitajiet. **L-ewwel verżjoni stabbli tal-MIG hija mistennija li tinħareġ sa tmiem l-2023**.

L-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-EMSWe jagħti wkoll setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi lista ta' informazzjoni rilevanti li għandha terġa' tintuża u ssir disponibbli għal waqfa f'port sussegwenti. Ladarba din id-*data* tkun ġiet definita, is-SafeSeaNet, il-mekkaniżmi u l-interfaċċi tal-iskambju tad-*data* tagħha, inklużi l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa, jistgħu jiġu aġġornati, flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti ([7]).

4. ***Strateġija ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati***

Waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni hija meħtieġa twettaq konsultazzjonijiet xierqa, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Fit-tħejjija ta' leġiżlazzjoni sekondarja, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-esperti tal-Istati Membri u l-komunità tan-negozji jiġu kkonsultati b'mod trasparenti, u minn qabel sew.

Biex tħejji l-leġiżlazzjoni sekondarja u tiżgura żvilupp tal-IT koerenti u trasparenti, il-Kummissjoni se tikkonsulta l-esperti tal-Istati Membri (il-koordinaturi nazzjonali tal-EMSWe u l-esperti mistiedna tagħhom). Minħabba li r-Regolament dwar l-EMSWe jkopri diversi formalitajiet doganali għad-dħul u l-ħruġ, il-Kummissjoni se tikkonsulta, fejn meħtieġ, il-gruppi ta' esperti doganali, bħall-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar id-Dwana Elettronika u/jew il-Grupp ta' Negozju Doganali (kif ġestit mid-DĠ TAXUD). Għal dan l-għan, jistgħu jiġu organizzati laqgħat konġunti mal-gruppi ta' esperti doganali.

([4]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/205 tas-7 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment tas-sett tad-data tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jemenda l-Anness tiegħu (ĠU L 33, 3.2.2023, p. 24).

([5]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/204 tat-28 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi, standards u proċeduri għas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea skont ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 3.2.2023, p. 1).

([6]) Dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikoli 6(1), 8(5), 12(4), 13(2), 17(3) tar-Regolament dwar l-EMSWe

([7]) L-emendi għad-*Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa u tal-Funzjonalitajiet* (IFCD) u għall-*gwida ta' referenza dwar messaġġi XML tas-SafeSeaNet* se jiġu approvati mill-HLSG f'konformità mal-kompiti fil-punt 2.2 fl-Anness III tad-Direttiva 2002/59/KE.

Sabiex jiġu żgurati l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà kontinwi bejn l-EMSWe u s-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni marittima (SafeSeaNet), il-Kummissjoni se tikkollabora mal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli għall-Governanza tas-Sistema u s-Servizzi Diġitali Marittimi (HLSG).

Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-assoċjazzjonijiet tal-industrija jipparteċipaw fil-gruppi ta' esperti bħala osservaturi.

5. ***Skeda ta' żmien għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' komponenti u servizzi komuni***

Modulu tal-interfaċċa tar-rapportar (RIM)

F'**Awwissu 2022**, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ħarġet l-ewwel verżjoni tal-**modulu tal-interfaċċa tar-rapportar** bħala prodott vijabbli minimu (għal skopijiet ta' ttestjar inizjali), b'funzjonalità ewlenija għall-komunikazzjoni minn sistema għal sistema.

Se jinħarġu verżjonijiet ġodda tar-RIM, biex jinkludu funzjonalitajiet oħra għall-konformità sħiħa mal-att legali li fih l-ispeċifikazzjonijiet tar-RIM li għad irid jiġi adottat fl-2023. Id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-integrazzjoni fl-MNSW tagħhom se titqassam lill-Istati Membri, inkluża l-istrateġija tal-ħolqien tal-verżjonijiet tar-RIM għad-diversi verżjonijiet tar-RIM.

Ladarba tinħareġ verżjoni stabbli tar-RIM, l-Istati Membri huma mistennija **jintegrawha** fl-MNSW tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistennija jwettqu **testijiet tekniċi** biex jivverifikaw il-funzjonament tar-RIM. L-Istati Membri għandhom iwettqu testijiet biex jikkollegaw is-sistemi tal-industrija mar-RIM biex jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar permezz tar-RIM fl-MNSW rispettiva tagħhom.

L-Istati Membri għandhom iwettqu wkoll it-testijiet u l-integrazzjoni meħtieġa ma' awtoritajiet oħra kkonċernati u mas-sistemi tal-Kummissjoni, biex jiskambjaw l-informazzjoni relatata. Il-Kummissjoni se tipprovdi lill-koordinaturi nazzjonali b'appoġġ adegwat matul l-istabbiliment u l-konfigurazzjoni tar-RIM u se twettaq it-testijiet ta' konformità u aċċettazzjoni meħtieġa ma' kull Stat Membru. It-tul ta' żmien stmat tal-integrazzjoni teknika u tal-ittestjar tar-RIM fl-MNSWs huwa **18-il xahar**, u jibda fl-ewwel trimestru (Q1) tal-2024, inkluż l-ittestjar mad-dikjaranti.

Sistema ta' ġestjoni tar-reġistru tal-utenti u tal-aċċess (URAM) tal-EMSWe

Il-Kummissjoni qed toħloq u tagħmel disponibbli sistema komuni ta' ġestjoni tar-reġistru tal-utenti u tal-aċċess. Dan se jiffaċilita l-awtentikazzjoni tal-ispedituri (dikjaranti u fornituri tas-servizzi tad-*data*) li jikkollegaw mal-modulu tal-interfaċċa tar-rapportar. Fir-rigward tal-awtentikazzjoni transfruntiera tad-dikjaranti li jixtiequ jaċċessaw l-MNSWs permezz tal-interfaċċi grafiċi tal-utenti tagħhom, il-Kummissjoni qed tikkunsidra l-użu tal-qafas eżistenti tal-eIDAS ([8]).

L-ispeċifikazzjonijiet għas-sistema ta' ġestjoni tar-reġistru tal-utenti u tal-aċċess se jiġu adottati flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet għar-RIM. Is-servizzi tal-URAM konformi ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet huma ppjanati li jiġu żviluppati u jkunu lesti flimkien ma' verżjoni stabbli tar-RIM (2023). Dan se jippermetti ċiklu sħiħ tal-ittestjar u integrazzjoni fir-rigward tal-konnessjonijiet u l-interazzjonijiet bejn ir-RIM tal-MNSW u s-servizzi tal-URAM.

Servizz komuni ta' indirizzar (CAS)

L-ispeċifikazzjonijiet għall-CAS meħtieġa skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar l-EMSWe huma skedati li jiġu adottati sat-tielet trimestru (Q3) tal-2024. L-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet mal-gruppi ta' esperti huwa ppjanat li jibda fl-2023. L-iżvilupp ta' dan is-servizz huwa mistenni li jibda wara l-iżvilupp tar-RIM u li jiġi konkluż qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament. Ladarba l-ispeċifikazzjonijiet ikunu ġew adottati, il-Kummissjoni se tistabbilixxi t-twaqqit għall-integrazzjoni tal-CAS fis-sistema ta' rapportar kumplessiva.

([8]) https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj

Bażijiet tad-*data*

L-ispeċifikazzjonijiet għall-Bażi tad-*data* dwar il-Vapuri tal-EMSWe, il-Bażi tad-*data* Komuni ta' Lokalizzazzjoni u l-Bażi tad-*data* Komuni dwar il-Hazmat ġew adottati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/204. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-EMSA, qed taħdem fuq l-iżvilupp tal-Bażi tad-*data* dwar il-Vapuri tal-EMSWe, il-Bażi tad-*data* Komuni ta' Lokalizzazzjoni u l-Bażi tad-*data* Komuni dwar il-Hazmat. L-implimentazzjoni teknika ta' dawn il-bażijiet tad-*data* se tinkludi l-ħidma fuq is-sett tad-*data* ta' referenza u l-gwidi tal-interfaċċa tas-sistema (SIG) għal kull bażi tad-*data*, segwita bl-iżvilupp tekniku u l-integrazzjoni mal-Istati Membri. Huwa mistenni li dawn it-tliet bażijiet tad-*data* jiġu żviluppati u jkunu lesti għall-ittestjar mill-Istati Membri fit-tieni nofs tal-2024.

Skont il-Bażi tad-*Data* tal-Kundizzjonijiet Sanitarji fuq il-Vapuri, l-implimentazzjoni se tiġi ppjanata wara d-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 17(3) tar-Regolament dwar l-EMSWe fi stadju aktar tard tal-implimentazzjoni.

Skeda ta' żmien dettaljata

Komponenti u servizzi komuni	Linja bażi								
	2023			2024				2025	
	Q2	Q3	Q4	Q1	Q2	Q3	Q4	Q1	Q2
Modulu tal-Interfaċċa tar-Rapportar (RIM)									
Ħruġ tar-RIM b'validazzjoni tal-ispeditur									
Messaġġi ta' formalità tal-MIG									
Messaġġi ta' rispons tal-MIG									
Ħruġ tar-RIM b'validazzjoni tas-sintassi ([9])									
Integrazzjoni u Ttestjar tal-Istati Membri ([10])									
URAM									
Gwidi għall-utenti għas-servizzi tal-URAM									
Servizz ta' validazzjoni tal-S2S tal-URAM									
Reġistru ċentrali tal-ispedituri									
Tranżizzjoni u integrazzjoni tal-Istati Membri mar-RIM[7]									
Servizz Komuni ta' Indirizzar (CAS)									
Żvilupp ta' speċifikazzjonijiet									
Żvilupp u ttestjar (integrazzjoni mar-RIM)									
Bażi tad-*data* dwar il-Vapuri tal-EMSWe (ESD)									
Sett tad-*data* ta' referenza u SIG									
Żvilupp ta' bażi tad-*data* ċentrali									
Integrazzjoni mas-sistemi tal-Istati Membri									
Testijiet ta' Kummissjonar									
Bażi tad-*data* Komuni ta' Lokalizzazzjoni (CLD)									
Sett tad-*data* ta' referenza u SIG									
Żvilupp ta' bażi tad-*data* ċentrali									

([9]) RIM żviluppat f'konformità sħiħa mal-ispeċifikazzjonijiet tar-RIM.
([10]) Is-servizzi ċentrali tal-URAM se jkunu disponibbli biss fl-ittestjar tal-aċċettazzjoni matul l-integrazzjoni mar-RIM tal-Istati Membri.

Komponenti u servizzi komuni		Linja bażi								
		2023			2024				2025	
		Q2	Q3	Q4	Q1	Q2	Q3	Q4	Q1	Q2
Integrazzjoni mas-sistemi tal-Istati Membri										
	Testijiet ta' Kummissjonar									
Bażi tad-*data* Komuni dwar il-Hazmat (CHD)										
Sett tad-*data* ta' referenza u SIG										
Żvilupp ta' bażi tad-*data* ċentrali										
Integrazzjoni mas-sistemi tal-Istati Membri										
	Testijiet ta' Kummissjonar									
Bażi tad-*data* tal-Kundizzjonijiet Sanitarji fuq il-Vapuri (SSD) ([11])										
Żvilupp ta' speċifikazzjonijiet										

6. ***Applikazzjoni tar-Regolament***

Mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' rapportar se tiġi pprovduta permezz tas-sett tad-*data* tal-EMSWe u f'konformità miegħu. Kull Stat Membru se jipprovdi helpdesk għall-utenti tal-MNSW fl-ewwel 12-il xahar (mill-15 ta' Awwissu 2025) u sit web ta' appoġġ online għall-MNSW tiegħu bi struttura kif definit fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/204.

B'kollox, l-implimentazzjoni nazzjonali inkluż l-ittestjar hija mistennija li ddum mill-inqas 18-il xahar. Bil-ħruġ skedat tal-verżjonijiet tar-RIM u tas-servizzi tal-URAM sa tmiem l-2023, l-Istati Membri u l-industrija jistgħu jibdew il-parti tagħhom tal-implimentazzjoni u tal-ittestjar xieraq. Dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, inkluż l-ittestjar tal-konformità ma' awtoritajiet oħra u mal-industrija, huwa mistenni li jkompli matul l-2024 u fl-2025 qabel ma jibdew joperaw is-servizzi ċentrali.

Madankollu, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, se tkompli timmonitorja l-istatus tal-implimentazzjoni u tal-progress li jkun sar. Jekk ikun rilevanti, fil-bidu tal-2024 se tevalwa mill-ġdid il-fattibbiltà tal-pjan u tippreżenta proposti biex tindirizza kwalunkwe dewmien possibbli.

([11]) Il-passi li jmiss se jiġu deċiżi aktar tard.